# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 18**

**Citaz. Nru. 2067/96 FDP**

**Grazio Patiniott u martu Antonia Patiniott**

**vs**

**Anthony Cini u martu Imelda Cini**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni:-

> "Premess illi l-partijiet kellhom diversi transazzjonijiet ta' natura kummercjali bejniethom, matul dawn l-ahhar snin;
>
> Premess illi l-konvenuti llum huma dbituri ta' l-atturi fis-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm2350), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' karozza Mercedes numru tar-registrazzjoni V-0001, lilhom mibjugha u konsenjata f'nofs Novembru 1995;
>
> Premess illi l-konvenuti accettaw, anke quddiem in-Nutar Pierre Cassar, illi huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm2350) u anke kien intlahaq ftehim verbali

dwar kif kellha tithallas lura din is-somma, liema ftehim gie traskritt mill-imsemmi Nutar, izda ghalkemm prezentat lill-konvenuti, dawn baqghu ma ffirmawx u ghalhekk ma giex finalizzat;

Premess illi sallum il-konvenuti ghadhom ma hallsu xejn mill-imsemmi bilanc ta' elfejn, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm2350) u l-atturi ma jridux illi jistennew aktar biex jithallsu;

Premess illi l-atturi huma tal-fehma illi l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu fir-rigward tat-talbiet ta' l-atturi;

Ghar-ragunijiet premessi u in vista ta' l-affidavit ta' Grazio Patiniott (Dok A), talbu ghalhekk lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi skond it-talba ta' l-atturi bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm2350) dovuta kif fuq spjegat, bl-interessi kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data ta' l-effettivi pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2886/96 prezentat fl-4 ta' Gunju 1996, kontra l-konvenuti."

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenuti hekk eccipew ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi preliminarjament l-ewwel talba hija inammissibbli stante mhux minnu illi l-konvenuti accettaw id-debitu ta' elfejn, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm2350) u li dan id-debitu huwa veru, cert u likwidu;

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba ta' l-atturi hija intempestiva peress illi l-partijiet, kif *del resto* imsemmi fl-istess citazzjoni, kellhom diversi transazzjonijiet bejniethom u l-ammont li talvolta jista' jkun dovut mill-konvenuti ghadu ma giex likwidat u ghalhekk it-talba attrici hija rrita ghaliex *se mai*, tali talba kellha tkun ghal-likwidazzjoni u mhux ghal somma certa;

3. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, *dato ma non concesso* li kien hemm ftehim verbali dwar kif kellha tithallas xi somma, it-tieni talba attrici hija rrita u nulla u dan stante li tali talba trid bilfors tigi preceduta minn talba ghal dekadenza mill-beneficcju tat-terminu galadarba skond l-istess atturi huma kkoncedew dan il-beneficcju lill-konvenuti u ghalhekk l-imsemmija tieni talba ma tistax tintlaqa';

4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju l-eccipjenti ma jichdux illi kien hemm inkontru quddiem in-Nutar Pierre Cassar pero` ma jaqblux illi l-konvenuta Imelda Cini qablet ghal xi haga illi inghad fl-imsemmi inkontru, stante illi hija ma kienetx prezenti u lanqas qatt konoxxenti tad-diskussjonijiet li ghaddew. Ma jaqblux ukoll li l-istess Antonio Cini qabel ma dak li kienu qed jipproponu l-atturi."

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Novembru, 1999 dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi wara li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba, cahdet it-tieni talba bl-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Illi l-attur <u>Grazio Patiniott</u>, fl-affidavit tieghu xehed illi hu u l-konvenut kienu ghamlu diversi negozji flimkien u darba minnhom kienu marru ghandi in-Nutar: "... u ghamilna skrittura li permezz taghha ahna ftehmna li kwalunkwe negozju li kellna fuq konvenji, li dejjem saru ghand l-istess Nutar Pierre Cassar, kellu jigi kkunsidrat imhassar u ftehmna li biex niskwerjaw, jien nghaddilu d-dritt tieghi fuq il-karozza Mercedes V-0001 li kelli niehu minghand Angelo Camilleri u hu jaghtini zieda ta' Lm2350."

Illi l-konvenut Anthony Cini fl-affidavit tieghu xehed illi hu u l-konvenut ghamlu diversi negozji u finalment "... gejna fi ftehim iehor li npartu l-garaxx ma' Mercedes". Huwa jsostni li kien hemm il-kundizzjoni li jekk il-Mercedes iggib hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) huwa kellu jaghti lill-attur elfejn, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm2350);

Illi n-Nutar Pierre Cassar fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Novembru 1996 xehed illi huwa kien irrediga skrittura privata li kienet kostituzzjoni ta' debitu, bhala forma ta' transazzjoni ta' pendenzi li kien hemm bejn il-kontendenti. L-ammont ma jiftakarx kemm kien pero` jaf li kien jirrigwarda eluf u li kien hemm ukoll termini ffissati biex isir il-pagament ta' l-ammont imsemmi. Huwa kkonferma li dan id-dokument gie ffirmat minn Anthony Cini u Grezzju Patiniott;

Illi n-Nutar xehed ukoll illi ghalkemm mart il-konvenut, Imelda Cini, ma kienitx prezenti, hija tat l-approvazzjoni taghha fuq it-telefon, b'dana kollu huwa ghadda dan id-dokument lil Cini biex "ghal kull buon fini" jkun hemm il-firma ta' l-imsemmija martu;

Illi l-istess Nutar ikkonferma wkoll li dik l-iskrittura kienet qed thassar konvenju precedenti li kien hemm bejn il-partijiet dwar il-bejgh ta' garaxx;

Illi l-konvenuta Imelda Cini, pero`, fl-affidavit taghha tghid illi "... dak in-negozju li ghamel zewgi Anthony Cini ghamlu minghajr il-permess tieghi u ghaldaqstant meta gab il-karti biex niffirmahomlu jien bir-rabja li kelli qbadt u qattajthom";

Illi jirrizulta li l-ftehim ma giex iffirmat minn Imelda Cini. Dan il-ftehim kien intiz biex jigu transatti l-pendenzi ta' bejn il-partijiet; kien fil-fatt jirrigwarda xi konvenji precedenti dwar proprjeta` immobiljari u ghalhekk dan il-ftheim bilfors li kellu jsir bil-miktub. Peress li ai termini ta' l-Artikolu 1322(2) il-jedd li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu xi jkunu, imiss liz-zewg mizzewgin flimkien, ladarba l-konvenuta ma ffirmatx, allura dan il-ftehim ma jistax jitqies li gie konkluz;

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-imsemmi ftehim ma huwiex wisq semplici anke peress li oltre l-imsemmi trasferiment tal-garaxx kien hemm ukoll, skond l-istess attur, li "nghaddilu d-dritt tieghi fuq il-karozza Mercedes V-0001 li kelli niehu minghand Angelo Camilleri u hu jaghtini zieda ta' Lm2350."

Illi jidher mir-rizultanzi processwali li ghalkemm, Patiniott kien jaf li Cini ma kienx irritorna lin-Nutar l-iskrittura firmata wkoll minn

martu, xorta baqa ghaddej bit-trasferiment tal-vettura; irid jigi wkoll rilevat li gia kien inqala inkwiet dwar il-konvenji precedenti bejn il-partijiet;

Illi certament mix-xhieda konfuza tal-kontendenti ma jistax jinghad li hemm provi li jistghu jindikaw x'kien il-veru ftehim; il-verzjonijiet huma konfliggenti f'hafna dettalji essenzjali. Sfortunatament ix-xhieda tan-Nutar ma tistax timla din il-lakuna;

Illi jidher li ghan-Nutar kien ovvju li l-firma tal-mara kienet importanti; huwa ta d-dokument lil Cini biex il-mara tiffirmah u skond il-konvenuti, cemplilha biex jitlobha id-dokument ftit zmien wara.

L-attur jikkontendi li la il-konvenut effettwa it-trasferiment tal-Mercedes, accetta l-ftehim u allura kellu jhallas l-ammont ta' elfejn u, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm2350); il-konvenut jichad dan kollu u jorbot l-imsemmi ammont mal-bejgh tal-Mercedes bil-prezz ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000);

Illi l-iskrittura redatta minn Nutar Cassar la dehret fil-provi (tqattghet mill-konvenuta!) u anqas tidher li kienet debitament firmata; ghalhekk il-fatti li rrizultaw mill-provi jsiru determinanti, u minhabba il-komplessita` tan-negozju li kellhom il-kontendenti u l-verzjonijiet konfliggenti fid-dettalji rilevanti, il-Qorti ma tarax li l-attur irnexxilu jipprova li bejniethom kien hemm xi transazzjoni finali li twassal ghal kreditu tas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm2350) mitluba."

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

L-atturi appellaw minn din is-sentenza. Il-qofol ta' l-aggravju taghhom huwa illi l-Ewwel Qorti ma apprezzatx illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien jirrigwarda operazzjonijiet fl-isfera tan-negozju u l-kontrattazzjonijiet ta' bejniethom li kienu minnhom infushom ta' natura kummercjali. Isegwi ghalhekk illi kellhom japplikaw ghall-kaz ir-regoli ta' dritt kummercjali u mhux dawk ta' dritt civili. L-appellanti jinvokaw l-applikazzjoni ta' l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili li jghid illi:-

"Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja." (sottolinejar ta' din il-Qorti)

L-appellanti allura jsostnu illi fil-kaz taht ezami z-zewg negozjanti u cioe', l-attur u l-konvenut, ftehmu li jaghlqu l-kontijiet ta' bejniethom u ffirmaw skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu quddiem nutar.  F'dawn ic-cirkostanzi tiffirma jew ma tiffirmax il-mara ta' xi wiehed mill-partijiet ma kenitx taghmel differenza in kwantu l-konvenut appellat qua kummercjant, kellu l-poter kollu biex jiftiehem u jaghlaq il-pendenzi li kellu ma' l-attur li kien ukoll kummercjant.

Sottomissjoni in subsidum ghal din hi illi kien jirrizulta mill-provi li r-relazzjoni guridika kienet bejn iz-zewg kummercjanti Grazio Patiniott u Anthony Cini u li n-nisa taghhom ma kienu jidhlu xejn fl-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu.  L-appellanti allura jinvokaw l-artikolu 1326 tal-Kodici Civili li jesigi l-presenza tal-mara mizzewga u li jaghtiha locus standi in iudicio biss meta "l-atti (li ghamel zewgha) ikunu dwar it-trasferiment jew il-holqien ta' jedd rejali jew personali fuq proprjeta'

immobbli jew a rigward mobbli meta l-jeddijiet fuqhom jinghataw b'mod gratuwitu". Inoltre l-artikolu 1330 (b) tal-Kodici Civli jipprovdi illi:-

"Meta …... id-dejn jinholoq mill-ezercizzju ta' sengha, negozju jew professjoni kif imsemmi fl-artikolu 1324 (aktar 'il fuq citat) il-kredituri ma jistghux jinfurzaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li ma tkunx hi li minhabba fiha nholqot it-talba, izda jistghu f'dawk il-kazijiet jinfurzaw it-talba taghhom sal-limitu ta' kull parti li tibqa' ma tithallasx mill-beni tal-komunjoni tal-akkwisti kontra l-beni parafernali tal-parti li minhabba fiha nholqot it-talba."

Din il-Qorti tibda biex tghid illi minn imkien mill-atti quddiem l-Ewwel Qorti ma jirrizulta illi din is-sottomissjoni centrali fl-aggravju ta' l-appellanti quddiem din il-Qorti giet sollevata, quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas hemm l-icken accenn ghaliha fis-sentenza appellata. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-appellanti atturi ssottomettew quddiem l-Ewwel Qorti nota ta' sottomissjonijiet mill-aktar elaborata li mhux biss tanalizza b'mod minizzjuz il-provi prodotti u tinterpretahom imma wkoll tinkwadrahom fid-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghalihom. Imkien f'dik in-nota ma jirrizulta ebda accenn illi l-bazi ta' l-azzjoni in kwantu tirrigwarda l-presenza tan-nisa tal-partijiet fil-prezenti azzjoni u aktar u aktar in kwantu kienet mehtiega fuq il-ftehim li bih l-attur u l-konvenut allegatament ikkonkludew in-negozju ta' bejniethom, kien proprju l-fatt

illi dan kien ftehim bejn zewg negozjanti fil-kors normali tan-negozju taghhom li bih illikwidaw il-pendenzi bejniethom.

Din il-Qorti allura ma tarax kif jistghu l-appellanti quddiem din il-Qorti ta' revizjoni jispustaw il-linja difensjonali taghhom ghal terren ghal kollox gdid minn dak minnhom propost quddiem l-Ewwel Qorti. Infatti quddiem l-Ewwel Qorti t-tezi ta' l-appellanti kienet dejjem mhux li ma kenitx tehtieg il-firma ta' u l-approvazzjoni ta' mart il-konvenut imma ghal kuntrarju illi z-zewg konvenuti kienu taw il-kunsens taghhom ghan-negozju kontrattat ma' l-atturi u kienu sodisfatti illi l-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu redatt minn Nutar, kien sewwa jirrifletti l-bilanc dovut lill-atturi bhala konsegwenza tal-konteggi li saru b'rizultat ta' ezami tal-kontrattazzjonijiet bejn il-partijiet. L-aggravju ta' l-appellanti hu allura taht dan l-aspett difficilment sostenibbli.

Mill-aspett fattwali mbaghad, il-Qorti ma tistax ma tikkondividix l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata illi "ma tarax li l-attur irnexxilu jipprova li bejniethom (il-partijiet) kien hemm xi transazzjoni finali li twassal ghall-kreditu tas-somma ta' Lm2350 mitluba". Dana fuq il-premessa illi "certament mix-xhieda konfuzi tal-kontendenti ma jistax jinghad li hemm provi li jistghu jindikaw x'kien il-veru ftehim. Il-verzjonijiet huma konfliggenti b'hafna dettalji essenzjali neqsin u sfortunatament ix-xhieda tan-Nutar ma tistax timla din il-lakuna". Dan mhux fis-sens illi x-xhieda tan-Nutar ma kenitx kredibbli

imma fis-sens li l-istess Nutar ma kienx cert u ma setax ikun preciz mhux biss dwar il-kontenut ta' l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu nfisha imma wkoll u aktar tan-negozji antecedenti li taw lok ghal dik l-iskrittura finali. Infatti fil-waqt li hu kostatat illi l-konvenuta mhux biss ma ffirmatx din l-iskrittura li fuqha hi bazata l-kawza odjerna imma wkoll f'mument ta' rabja qattghetha, jirrizulta mill-atti illi dik l-iskrittura finali ta' kostituzzjoni ta' debitu kienet tirreferi ghal negozji antecedenti li uhud minnhom, almenu, kienu jirrizultaw mill-iskritturi, fosthom konvenju dwar trasferiment ta' garage.

L-attur hekk jixhed:-

"Jien kont ghamilt negozju ma' Anthony Cini fil-kummerc li joqghod "Ewreka", Triq il-Qaliet, Marsascala. Kont partatlu garage fil-Fgura ma' crane ta' l-ghamla Coles bin-numru tar-registrazzjoni li hu 7963. Wara rega' gie biex inpartatlu u ftehmna li hu jtini l-garage tal-Fgura li partatna mal-crane imsemmi u mbaghad partatna ma' wiehed il-Fgura li qieghed St. Michael Street u iehor Marsascala li qieghed Triq is-Silla. <u>Dawn ghamilna l-konvenju taghhom</u> u mbaghad Cini rega' gie biex inbiddillu dawn il-garages ma' garage kbir li qieghed Triq il-Mirkeb (li dak iz-zmien kienet Triq il-Menhir, Marsascala). Wara ergajna ghamilna negozju li jien niehu l-garage il-kbir ta' Triq l-Imriekeb u jiena tajtu karozza tat-tip Mercedes 200 bin-numru ta' registrazzjoni V-0001 u ried izidni Lm2350. Wara morna ghand in-Nutar Pierre Cassar u ghamilna skrittura li permezz taghha ftehmna li kwalunkwe negozju li

kellna fuq konvenji li dejjem saru ghand l-istess Nutar Pierre Cassar kellu jigi konsidrat imhassar u ftehmna li biex niskwerjaw jien nghaddilu d-dritt tieghi fuq il-karozza Mercedes V-0001 li kelli niehu minghand Angelo Camilleri u hu jtini z-zieda ta' Lm2350. Saret l-iskrittura (li fuqha hi bazata l-prezenti istanza) u ffirmajniha jien u hu u kien fadal biss tiffirma martu u li qablet li taghmel hekk wara li n-Nutar qralha u fiehmha kollox fuq it-telefon….."

Minn naha tieghu Anthony Cini jaghti verzjoni differenti tan-negozji li kien hemm bejnu u bejn l-attur. Jikkontendi illi n-negozju kien jirrigwarda biss crane li hu partat ma' garage fil-Fgura u dan it-tpartit kien jirrizulta mill-konvenju. Meta hu ma setax jiehu pussess tal-garage minhabba kumplikazzjonijiet fost ohrajn legali, ghamel ftehim iehor ma' Grezzju Patiniott fis-sens illi l-garage ipartuh ma' Mercedes jekk din tirrealizza certu prezz meta tinbiegh.

Il-provi prodotti mill-kontendenti jaghtu verzjonijet konfliggenti tan-negozji li sehhew bejn l-attur u l-konvenut u joholqu stat ta' incertezza u konfuzjoni sal-punt li l-Ewwel Qorti kienet gustifikata tasal ghall-konvinciment illi l-atturi ma kienx irnexxilhom jippruvaw konkluzivament il-premessi ghat-talbiet taghhom. Incertezza u konfuzjoni li ma gew bl-ebda mod sollevati bin-nuqqas ta' l-istess atturi li jipproducu almenu kopja tal-konvenju u dokumenti ohra li minnhom setghu jigu pprovati l-kontrattazzjonijiet illi huma stess jallegaw li fil-fatt kienu sehhew u li

kienu fil-parti l-kbira kontestati anke fir-rigward ta’ l-ezistenza taghhom stess mill-konvenuti.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-atturi lanqas biss irnexxilhom jipprovaw il-premessa fl-att tac-citazzjoni li l-ammont minnhom reklamat ta’ Lm2350 kien “rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ karozza Mercedes …… lilhom mibjugha u konsenjata”. Dan ghaliex mill-provi prodotti mill-istess atturi hu car illi dan il-bilanc ma kienx parti mill-prezz tal-Mercedes – infatti l-prezz ghal din l-vettura qatt ma gie definittivament stabbilit – imma kien il-bilanc illi rrizulta wara li saru l-konteggi bejn l-attur u l-konvenut tad-diversi negozji bejniethom. Diversi negozji li hu provat li zgur sehhew pero li dwar ix-xorta u n-numru taghhom ma hemmx qbil bejn il-kontendenti.

Din il-Qorti regghet ezaminat sewwa l-provi biex tara tistax hi tasal biex tidentifika bi precizjoni mill-atti processwali liema kontrattazzjonijiet kienu waslu ghall-ahhar skrittura redatta minn-Nutar Pierre Cassar. Minn dan l-ezami ma jirrizultawlhiex dawk ir-ragunijiet gravi li kellhom iwassluha ghall-konvinciment illi l-Ewwel Qorti ma setghetx ma kenitx zbaljata fl-apprezzament taghha. Hu risaput illi fin-nuqqas ta’ tali konvinciment din il-qorti ta’ revizjoni ma kellhiex tissostitwixxi l-apprezzament taghha tal-provi ghal dik ta’ l-Ewwel Qorti. Kellha biss hekk taghmel jekk tkun sodisfatta li altrimenti mhux ser tigi krejata

ingustizzja manifesta. ("J. Walker nomine vs R. Pizzuto" deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 1999.)

"Hija prassi stabbilita u segwita minn din il-Qorti ta' l-Appell illi fin-nuqqas ta' raguni jew ragunijiet gravi kemm jista' jkun hija ma tiddisturbax dak l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti billi din tkun semghet il-provi hi u quddiemha jkunu gew prodotti l-istess provi tal-partijiet." ("Frans Galea vs Alfred Brincat" deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 2000)

L-aggravju ta' l-appellanti mil-lat purament fattwali allura ifalli. Japplika l-principju "actore non probante reus absolvitur".

Hemm imbaghad aspetti ta' dritt illi wkoll jimmiltaw kontra s-sottomissjonijiet ta' l-appellantib kif issa formulati. Tikkonsidra s-segwenti:-

(a) **<u>In-natura tal-kontrattazzjonijiet</u>**

L-appellanti nvokaw l-applikazzjoni ta' l-artikolu 1324 tal-Kodici Civili fuq riportat li jipprovdi li atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestit biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni. L-appellanti jinvokaw din id-

disposizzjoni biex isostnu t-tezi taghhom illi ma kienx mehtieg l-intervent u l-kunsens ta' mart il-konvenut. Il-frazi "atti normali ta' gestjoni ta' kummerc", li s-sinifikat taghha mhux facli jigi afferrat minhabba dicitura pjuttost neboluza, hi llustrata u ccarata mill-ekwivalenti test Ingliz li tieghu hi ovvjament traduzzjoni. Il-frazi hi infatti tradotta bil-kliem "normal acts of management of a trade". Issa, ghall-fini ta' din is-sottomissjoni, tinteressa lil din il-Qorti l-attivita' li kien jikkonduci l-konvenut. Kellu jirrizulta lil din il-Qorti mill-atti kif provati x'kien ix-xoghol tal-kummerc li kien involut fih il-konvenut jew in-negozju jew professjoni li kien jezercita. Mill-imkien mill-atti ma jirrizulta dan il-fatt u l-Qorti mhux f'posizzjoni li tikkonkludi jekk il-kontrattazzjonijiet bejn l-attur u l-konvenut involuti f'din il-kawza, safejn huma provati kienux, maghmula fl-ezercizzju ta' kummerc, negozju jew professjoni <u>ezercitati</u> mill-konvenut.

L-artikolu 1324 ma japplikax ghal kull att tal-kummerc kif definit mill-Kodici tal-Kummerc. Kien japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun qed tezercita kummerc, negozju jew professjoni bhala attivita' ekonomika u li fiha l-kontrattazzjoni taht ezami setghet tinkwadra ruhha bhala att normali tal-gestjoni taghha. Issa anke hawn, il-provi bl-ebda mod ma jwasslu lil din il-Qorti illi dak li fil-fatt sehh bejn il-partijiet ma kienx operazzjoni wahda u izolata li l-partijiet kontraenti ttantaw jirrizolvu b'diversi modi f'tentattivi li kellhom jirrizultaw anke mill-konvenji li qatt ma gew esebiti. Difficilment allura setghu l-appellanti jsostnu illi kien

applikabbli ghall-kaz taghhom l-artikolu 1324 u dan hu ukoll rifless mill-insistenza da parti tan-Nutar illi kien ghaqli jekk mhux mehtieg illi tigi ottenuta l-firma ta' mart il-konvenut fuq l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu.

(b) **<u>Jekk l-iskrittura setghetx titqies li kienet transazzjoni</u>**

Is-subinciz (2) ta' l-artikolu 1322 jipprovdi illi l-jedd li ssir "xi transazzjoni dwar xi atti <u>jkunu li jkunu</u> imissu liz-zewg mizzewgin flimkien". Jigi notat illi (1) it-terminu "transazzjoni" ghandu sinifikat legali preciz u ghandu jigi interpretat skond kif definit fil-ligi u (2) id-disposizzjoni ma tiddistingwix dwar x'forma ta' transazzjoni kienet tehtieg il-kunsens taz-zewg mizzewgin. L-oggett ta' transazzjoni seta' allura jkun kemm att ta' amministrazzjoni ordinarja kif ukoll att ta' amministrazzjoni straordinarja. Infatti, filwaqt illi s-subinciz (2) jekwivali t-transazzjoni fiha infisha mat-twettiq ta' atti ta' amministrazzjoni straordinarja u ghal dawn kienet tehtieg il-konkorrenza taz-zewg mizzewgin flimkien, is-subinciz (3) ta' l-artikolu 1322 ma jinkludix it-transazzjoni fost l-elenku inkluziv u restrittiv ta' dawk li l-ligi tqis li huma atti ta' amministrazzjoni straordinarja. Distinzjoni din importanti in kwantu hemm disposizzjonijiet tal-Kodici Civili illi japplikaw biss ghall-atti ta' amministrazzjoni straordinarja u allura ma japplikawx ghat-transazzjoni (exempla gratia l-artikolu 1323 li jipprovdi ghal meta jkun hemm cahda jew nuqqas ta' kunsens) waqt li hemm disposizzjonijiet ohra li japplikaw

ghall-kazijiet kollha fejn l-atti jkunu jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga u li jinkludu allura kemm atti ta' amministrazzjoni straordinarja kif ukoll transazzjoni (exempla gratia artikolu 1326 tal-Kap 16 li jitratta dwar atti imwettqa minghajr il-kunsens mehtieg). B'danakollu pero' anke f'dan il-kaz ma tirrizulta minn imkien il-prova, anke incerta, illi l-ftehim milhuq u li fuqu hi bazata l-prezenti istanza, kien provokat minn cirkostanzi li setghu fil-ligi kkwalifikawha bhala transazzjoni. Din hi definita fl-artikolu 1718 tal-Kodici Civili bhala kuntratt li bih il-partijiet b'xi haga li jaghtu, iweghdu jew izommu jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir. Hadd mil-persuni nvoluti fil-fatti taht ezami ma indika illi l-partijiet kienu waslu fi stat ta' dizgwid li necessarjament kellu jipprovoka proceduri gudizzjarji meta kkonkludew il-ftehim.

Fil-kawza fl-ismijiet "Maria Attard vs Fracesco Camilleri" deciza minn din il-Qorti b'sentenza tat-30 ta' Gunju 2000 din il-Qorti ssottolinejat li ghalkemm potenzjalment kull vertenza setghet twassal ghal proceduri gudizzjarji, kull vertenza bhal din setghet ukoll tigi komposta barra l-Qorti. Il-ligi ma kenitx tesigi li kull ftehim milhuq dwar vertenza kellu necessjarment issir bil-miktub u jkun iffirmat mill-kontendenti. Il-ligi bl-ebda mod ma riedet tnaqqas il-valur ta' ftehim bonarju siggillat bi ftehim bil-fomm taht l-insenja ta' l-irgulija. Il-ftehim kellu jkun bil-miktub biss meta l-vertenza dwar determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi civili tkun tifforma l-mertu ta' kawza diga' mibdija jew li tkun sejra ssir. "Il-kliem

"kawza li tkun sejra ssir" jimplika d-determinazzjoni ta' parti li kellha d-dritt li tagixxi biex tirrivendika l-jeddijiet taghha u li tkun fil-punt li hekk taghmel. Fil-fatt il-gurisprudenza titkellem dwar l-imminenza tal-kawza" (Vol XLV.ii.668). Ftehim fejn il-partijiet jikkonvjenu dwar oggett li fuqu ma hemm pendenti ebda kawza jew li fuqu ma kien hemm ebda hsieb ta' kawza imminenti, ma jikkostitwixxix transazzjoni kif kontemplata fil-ligi.

Il-Qorti allura necessarjament tasal fic-cirkostanzi ghall-konkluzjoni illi ma setax tqis il-ftehim milhuq bhala transazzjoni fis-sens proprju tal-ligi u konsegwentement ma kenitx strettament mehtiega l-konkorrenza ta' mart il-konvenut fit-termini tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 1322.

(c) **Atti ta' amministrazzjoni straordinarja**

Stabbilit illi l-kontrattazzjonijiet bejn l-attur u l-konvenut ma setghux jigu regolati bl-artikolu 1324 tal-Kap 16 (ara supra) u ma setghux jigu kwalifikati bhala transazzjoni fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kellha tara kif seghtet tiddefinixxi n-natura ta' dawn il-kontrattazzjonijiet. Ghal dan il-fini kellha tiehu bhala fatt, ghall-grazzja biss ta' l-argument, illi dawn il-kontrattazzjonijiet kienu jinkludu dawk indikati mill-atturi appellanti fosthom (1) tpartit ta' crane tal-konvenut ma' garage ta' l-attur liema trasferiment tal-garage ma setax isir, (2) il-konvenju dwar il-garage gie definittivament rexiss u minflok sar ftehim li l-atturi jikkonsenjaw il-

pussess u jaghtu l-kunsens taghhom ghat-trasferiment ta' karozza Mercedes favur il-konvenuti appellati b'dan li l-istess konvenuti jhallsu lill-attur is-somma pretiza f'din l-istanza, (3) li qabel dawn l-ahhar negozji kienu saru negozji ohra apparentement dejjem in konnessjoni ma' l-akkwist tal-crane li fihom kienu nvoluti xi garages ohra koperti wkoll b'konvenji antecedenti.

Il-Qorti tinnota illi fil-verita waqt illi l-atturi appellanti jissottomettu fir-rikors ta' l-appell taghhom illi huma u l-konvenuti "kellhom diversi kontrattazzjonijiet ta' natura kummercjali bejniethom matul dawn l-ahhar snin", mix-xhieda ta' l-istess attur jittrapela illi fil-fatt dawn id-diversi transazzjonijiet setghu jkunu ridotti ghal transazzjoni wahda u cioe' ghat-trasferiment tal-crane favur l-attur billi n-negozji varji sussegwenti u proposti kienu kollha ntizi biex jissodisfaw il-mod kif dan l-istess crane kellu jithallas mill-istess attur. Konsiderazzjoni din ukoll rilevanti ghall-fini ta' dak li ntqal fir-rigward ta' l-artikolu 1324 tal-Kap 16 tant li l-istess attur jixhed espressament illi hu kien ghamel "negozju ma' Anthony Cini". Ma jaffermax li ghamel "diversi transazzjonijiet ta' natura kummercjali ……. matul dawn l-ahhar snin". B'danakollu hu car mix-xorta ta' ftehim li ntlahaq fir-rigward ta' dan in-negozju uniku illi l-alternattivi tal-pagament kienu jinkludu wkoll konvenji ghat-trasferiment tal-proprjeta' favur il-konvenut u cioe' "il-holqien ta' jedd ………. personali fuq proprjeta' immobbli". Atti dawn li indubbjament kienu jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga pero' l-provi juri illi dawk

il-konvenji kienu kollha gew sorpassati bl-ahhar ftehim li skond l-attur kien jinvolvi t-tpartit tal-crane ma' Mercedes u l-hlas ta' ekwiparazzjoni li tifforma l-mertu tal-prezenti istanza.

Jista' allura jigi arguwit li dawn huma atti dwar it-trasferiment ta' proprjeta' mobbli (il-Mercedes) li anke jekk ikunu jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga, setghu biss jigu annullati meta l-jeddijiet fuqhom ikunu inghataw b'titolu gratuwitu (Artikolu 1326 tal-Kap 16). Dan ukoll ma hux il-kaz billi hawn non si tratta ta' liberalita' imma se mai trasferiment b'titolu oneruz. Anke dan pero' ma jistax jitqies li huwa l-kuntratt illi l-appellati qeghdin jikkontestaw il-validita' tieghu ghaliex finalment skond l-istess atturi t-talba hi wahda ghall-kundanna tal-konvenuti biex ihallsu bilanc dovut ghall-prezz ta' vettura lilhom mibjugha u konsenjata liema bilanc kellu jithallas fil-futur. Skond imbaghad kif irrizulta mill-provi u kif iddikjarat minn Nutar li dderiga l-iskrittura li mart il-konvenut kienet irrifjutat li tiffirma, l-ammont li kellu jithallas ma kienx jirrapprezenta bilanc tal-prezz ta' vettura izda ekwiparazzjoni biex taghmel tajjeb ghal differenza fil-prezz jekk il-vettura u l-crane li gew imparta u li kien dovut mill-konvenuti lill-atturi.

Kull wahda minn dawn l-alternattivi setghet titqies li tissubentra taht is-subinciz (2)(g) ta' l-artikolu 1322 tal-Kodici Civili li jikkwalifika bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja "l-akkwist tal-proprjeta' mobbli ……. li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel". Il-ligi ma tiddefinix

kif kellu jsir l-akkwist tal-proprjeta mobbli u dan ifisser li seta' jsir bi kwalunkwe titolu inkluz tpartit, u naturalment b'komprovendita'. Lanqas tillimita t-tifsira tal-kelma "mobbli" li kellha tinghata d-definizzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 312 et seq tas-subtitolu 2 tat-Titolu 1 tat-Taqsima 1 tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili inkluzi allura dawk l-oggetti meqjusa mobbli ghax hekk tqishom il-ligi fosthom l-obbligazzjonijiet, l-azzjonijiet u l-jeddijiet kollha li ma jitqiesux mil-ligi bhala immobbli.

Stabbilit illi, kull kif titqies l-obbligazzjoni allegatament assunta mill-konvenut fl-iskrittura redatta minn Nutar Pierre Cassar, din kienet effettivament att ta' amministrazzjoni straordinarja, il-ligi kienet tqis li l-jedd li jitwettaq tali att kif ukoll il-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwaru, kien imiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Kienet allura gusta l-insistenza tan-Nutar illi jittanta jakkwista l-kunsens tal-konvenuta appellata. Tentattiv li pero' falla.

Il-Qorti allura tibqa' rinfaccjata kif kienet rinfaccjata l-Ewwel Qorti b'sitwazzjoni fejn l-atturi appellanti kienu naqsu illi jipproducu provi konvincenti u konkluzivi biex isostnu l-premessi ghat-talba taghhom. Premessi li huma in kontradizzjoni netta mal-provi prodotti mill-istess appellanti. Hu principalment ghal din ir-raguni u mhux ghal ragunijiet ohra fil-konsiderandi ta' l-Ewwel Qorti, uhud minnhom mhux kondivizi minn din il-Qorti, kif fuq ampjament espost, illi l-appell qed jigi rigettat in kwantu insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti. Qed jigi riservat favur l-atturi appellanti kull dritt ta' azzjoni iehor li jista' jkun spettanti lilhom si et quatenus kontra l-konvenuti appellati naxxenti mill-istess fatti in kawza.

Dep/Reg

cb